MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-12 ta' Awwissu, 2013

Citazzjoni Numru. 36/2013

**Giorgia Muscat bhala mandatarja tal-imsiefra Victoria Harrison ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu gie premess is-segwenti:-

Illi fl-att tat-twelid tar-rikorrenti nomine li jgib in-numru sitt mija u sebgha u tmenin tas-sena elf disa’ mija u tlieta u erbghin (687/1943), anness u markat dokument A, fil-parti relattiva ghat-taghrif dwar it-tarbija fil-kolonna ntestata: *‘Ismijiet moghtijin’,* l-ismijiet irregistrati li gew moghtijin

lilha huma Vittoria, Rosaria, Guzeppa u fil-kolonna ntestata: *'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha',* isem ir-rikorrenti gie registrat u jidher bhala Vittoria;

Illi l-isem li bih ir-rikorrenti nomine giet imghammda fil-Knisja Kollegjata u Arcipretali ta' Maria Bambina tax-Xaghra, Ghawdex, mhuwiex Vittoria izda **Victoria,** u dan l-isem **Victoria** huwa effettivament l-isem li wzat ghaliha l-familja taghha u ghadha tuza r-rikorrenti u dan l-isem **Victoria** ilha maghrufa u b'mod konsistenti minn kulhadd sa mit-twelid u t-trobbija taghha. Dan l-isem **Victoria** huwa rifless ukoll fuq id-dokumenti ufficjali taghha fosthom il-passaport Awstraljan u dak Malti – kopja tal-passaport Awstraljana annessa u markata B;

Illi anke fost l-ismijiet moghtijin lit-tarbija dak ta' Guzeppa fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti lanqas ma huwa korrett billi meta r-rikorrenti nomine giet imghammda l-ismijiet moghtijin lit-tarbija kienu ta' **Victoria, Rosaria, Michaelina** u mhux ta' Vittoria, Rosaria, Guzeppa, u dan kif jirrizulta car mill-estratt tar-registri tal-maghmudija mizmumin fl-Ufficcju Parrokkjali tal-Knisja Kolleggjata u Arcipretali ta' Maria Bambina tax-Xaghra, Ghawdex, anness u markat C u mic-certifikat tal-maghmudija anness u markat D;

Illi fl-istess att tat-twelid taghha fil-parti relattiva ghat-taghrif dwar missier u omm it-tarbija fil-kolonna ntestata: *'Isem u kunjom'* isem il-missier jinsab erroneament registrat bhala Michael Angel u dak tal-omm jinsab registrat bhala Vittoria mentri missierha kien jismu **Michael Angelo** u ommha kien jisimha **Maria Assunta** kif jirrizulta mill-estratt tal-Attijiet tat-Twelid taghhom annessi u markati E u F rispettivament;

Illi r-rikorrenti permezz tat-talba li qeghdha taghmel lil din il-qorti trid li jigu awtorizzati l-korrezzjonijiet li gew hawn fuq indikati kemm a rigward l-ismijiet moghtijin lit-tarbija fl-Att tat-Twelid taghha, u wkoll l-isem li bih hi kellha tigi msejha, u anke fir-rigward tat-taghrif dwar il-missier u l-omm it-tarbija l-isem taghhom irid jigi kkoregut ukoll u

filwaqt li dak tal-missier irid isir **Michael Angelo** minflok Michael Angel dak ta' omm it-tarbija jrid jinbidel ghal **Maria Assunta** minflok Vittoria;

Ghalhekk ir-rikorrenti nomine talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. tiddikjara li l-ismijiet moghtijin lit-tarbija meta giet imghammda huma **Victoria, Rosaria, Michaelina** u mhux Vittoria, Rosaria, Guzeppa kif erroneament gew irregistrati fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti nomine bin-numru sitt mija u sebgha u tmenin tas-sena elf disa' mija u tlieta u erbghin (687/1943), u li l-isem li bih it-tarbija ghandha tigi msejha mhuwiex Vittoria kif jidher ukoll fl-Att tat-Twelid imsemmi, izda Victoria;

2. konsegwentement tordna l-korrezzjonijiet relattivi fl-Att tat-Twelid numru 687/1943 tar-rikorrenti billi l-ismijiet moghtijin lit-tarbija fil-kolonna ntestata 'Ismijiet moghtijin' dawn jigu registrati **Victoria, Rosaria, Michaelina** minflok Vittoria, Rosaria, Guzeppa, u minflok l-isem Vittoria fil-kolonna ntestata 'Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha' isir u ghandu jaqra **Victoria** u mhux Vittoria;

3. tordna wkoll il-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti nomine fil-parti relattiva ghat-taghrif dwar missier u omm it-tarbija fil-kolonna ntestata 'Isem u kunjom' isem il-missier jigi registrat **Michael Angelo** minflok Michael Angel u isem omm it-tarbija jigi registrat **Maria Assunta mart Michael Angelo Bonello** minflok Vittoria mart Michael Angelo Bonello.

Bl-ispejjez;

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Ghawdex li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi l-esponenti ma hux jopponi ruhu ghat-talba tal-attrici nomine biex fil-kolonna ntestata "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" isem l-attrici jinbidel minn Vittoria ghal Victoria. Pero' dan it-tibdil ma hux konsegwenza ta' xi zball da parti tal-konvenut, izda t-talba ghas-sostituzzjoni tal-isem irregistrat ghall-isem li bih l-attrici hija komunement maghrufa. L-istess jista' jinghad ghat-talba relatata ghall-korrezzjoni tal-kolonna ntestata "Ismijiet moghtijin" – filwaqt illi l-esponenti ma hux jopponi ruhu ghat-talba tal-attrici, dan bla ebda mod ma jista' jigi nterpretat illi certifikat ta' maghmudija jammonta ghal xi prova illi kien sar xi zball fic-certifikat tat-twelid.

2. Illi dwar it-talba biex fil-kolonna relattiva ghat-taghrif dwar missier u omm it-tarbija, isem missierha jigi mibdul minn Michael Angel ghal Michael Angelo, u isem ommha jigi mibdul minn Vittoria ghal Maria Assunta, l-esponenti ma hux jopponi, peress illi din it-talba tidher illi hi gustifikata.

3. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-surreferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti nomine li qeghdha tigi ngunta in subizzjoni.

Rat li saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif tikkontempla l-ligi.

Semghet lix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet nonostante li huwa zmien tal-ferjat.

Ikkunsidrat:

Illi mill-atti u dokumenti prezentati t-talbiet attrici gew pjenament ippruvati. Infatti l-Arcipriet Dun Karm Refalo kkonferma anki billi wera l-original tal-estratt li gie prezentat[1] li l-ismijiet moghtija lit-tarbija huma Victoria, Rosaria u Michaelina. L-istess direttur konvenut lanqas mhu qieghed joggezzjona la ghal din il-korrezzjoni u lanqas ghall-korrezzjonijiet l-ohra.

Jifdal issa x'jigi trattat il-kap tal-ispejjez. L-attrici nomine sahqet li dan kollu sehh bhala frott ta' zball tad-direttur konvenut u ghalhekk m'ghandhiex tkun hija li tbati l-ispejjez ta' din il-kawza. Dr Marlin Vella fix-xhieda tieghu spjega li dak iz-zmien l-ismijiet kienu jigu registrati f'Ghassa tal-Pulizija li mbaghad kienu jghaddu ghand id-Direttur. L-informazzjoni mnizzla kienet tkun dik moghtija. Infatti fl-Att tat-Twelid ipprezentat[2] jirrizulta li l-ufficjal inkarigat inkwistjoni kien is-Surgent W. Camilleri.

Tenendo kont ta' tali spjegazzjoni tqis li ma giex ippruvat li dan irrizulta minhabba xi zball li huwa mputabbli lill-konvenut b'xi mod u ghalhekk hija l-attrici nomine li ghandha tbati l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti billi:

1. tiddikjara li l-ismijiet moghtijin lit-tarbija meta giet imghammda huma **Victoria, Rosaria, Michaelina** u mhux Vittoria, Rosaria, Guzeppa kif erroneament gew irregistrati fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti nomine bin-numru sitt mija u sebgha u tmenin tas-sena elf disa' mija u tlieta u erbghin (687/1943), u li l-isem li bih it-tarbija ghandha tigi msejha mhuwiex Vittoria kif jidher ukoll fl-Att tat-Twelid imsemmi, izda Victoria;

[1] A fol 8 tal-process
[2] A fol 6 tal-process

2. konsegwentement tordna l-korrezzjonijiet relattivi fl-Att tat-Twelid numru 687/1943 tar-rikorrenti billi l-ismijiet moghtijin lit-tarbija fil-kolonna ntestata 'Ismijiet moghtijin' dawn jigu registrati **Victoria, Rosaria, Michaelina** minflok Vittoria, Rosaria, Guzeppa, u minflok l-isem Vittoria fil-kolonna ntestata 'Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha' isir u ghandu jaqra **Victoria** u mhux Vittoria;

3. tordna wkoll il-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti nomine fil-parti relattiva ghat-taghrif dwar missier u omm it-tarbija fil-kolonna ntestata 'Isem u kunjom' isem il-missier jigi registrat **Michael Angelo** minflok Michael Angel u isem omm it-tarbija jigi registrat **Maria Assunta mart Michael Angelo Bonello** minflok Vittoria mart Michael Angel Bonello.

Spejjez a karigu tar-rikorrenti nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------